MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Numru 370/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**
**vs**
**Glenn Debattista**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Glenn Debattista ta’ 42 sena bin Francis u Carmelina nee’ Gatt imwieled Pieta u residenti numru 11, Triq il-Quccija, Fleur-De-Lys, detentur ta’ karta ta’ identita numru 565359(M), akkuzat talli fit-22 ta’ Jannar 2002 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, ai terminu ta’ l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet,

disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artikolu 183 u tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess zmien u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn wahda mid-dokumenti u cioe' licenzja falsifikata u dan ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-Artikolu 183, li bih l-akkuzat huwa principalment akkuzat, jghid li "kull persuna li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, tehel meta tinstab hatja, il-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha".

Issa fil-kaz in disamine l-oggett tal-falsifikazzjoni hi licenza tas-sewqan. Kwindi l-falsifikazzjoni hi ta' att pubbliku u awtentiku. Referenza qeghdha hawnhekk issir ghal

kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Rex vs Giuseppe Zahra (Vol.XXXVII.iv.986) fejn kien affermat li "ma jistax ikun hemm dubbju li l-falsifikazzjoni ta' licenza tas-sewqan hi falsifikazzjoni ta' att pubbliku u ta' att awtentiku ghaliex si tratta ta' att destinat li jaghti fidi publika tal-kontenut tieghu, maghmul bil-formalitajiet mehtiega u rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandhu skond il-ligi s-setgha li jaghti fidi publika lill-att" – li jikkostitwixxu verament l-ingredjenti ta' att publiku u awtentiku prospettat fl-Artikolu 183 fuq citat. Hu ghal kollox irrilevanti, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-licenza hi skaduta stante li anka jekk skaduta l-licenza per Seduta mizmuma llum 19 ta' Dicembru 2002 tibqa genwina. Sir Anthony Mamo, fl-appunti tieghu jghid: "..in two ways..may in general a forgery be committed: either by making in whole or in part a false document (counterfeiting) or by altering a genuine document". F'dan il-kaz gie alterat dokument genwin.

Illi dwar il-falsifikazzjoni 'ut sic' jirrizulta mill-provi li l-licenza kienet falsifikata rigward l-annu u li l-awtur kien l-imputat kif minnu ammess fl-istqarrija li rrilaxxja lill-pulizija.

Ikkunsidrat:

Li fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli Avukat difensur qajjem ukoll il-fatt tan-nullita tal-akkuza stante li ma tigborx deskrizzjoni tal-fatti u tirriproduci biss il-ligi ghal dik li hi l-falsifikazzjoni mertu l-odjerni proceduri. Il-Qorti pero ma taqbilx u hi sodisfatta li c-citazzjoni ghandha fiha rikjest fl-Artikolu 360(2) tal-Kap 9. Apparti minn hekk citazzjoni imsemmija fis-subartikolu(1) tac-citat artikolu hi semplici "avviso a comparire".

Ghaldaqstant tiddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Ghal finijiet ta' piena kkunsidrat l-fedina penali tal-imputat li mhi xejn edifikanti anzi turi li l-imputat gja precedentement instab hati tal-istess reat. Rat l-Artikolu 183, 184 u 17(h) Kap 9 u tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija.

---------------------------------TMIEM---------------------------------